MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Numru 1190/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**
**VS**
**ANDRE BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andre Borg, ta’ 23 sena, iben Anthony u Connie nee’ Mangion, imwieled Pieta’ nhar is-17 ta’Marzu, 1986, residenti gewwa Nru. 148, Triq il-Kapillan Magri Mellieha u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 098886(M);

Billi hu akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer Maltin nhar it-23 ta’ frar, 2009 u fil-granet ta’ qabel, diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. b'mezz kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi aktar minn mitejn u tnejn u u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta' Maria Spiteri li ghandha numru tal-identita' 389386(M)

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uza il-kodici ta'dhul password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta'dhul jew informazzjoni ta'xi persuna ohra f'compjuter (ATM).

3. ikkometta serq semplici ta' propjeta Cashlink card u flus ghad-dannu ta' Maria Spiteri li ghandha numru tal-karta tal-identita' 0389386M) u terzi persuni ohra.

4. Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe Cashlink card Bank of Valletta mahruga f'isem Maria Spiteri;

5. U aktar talli nhar is-07 ta' April, 2009 u fil jiem ta' qabel gewwa l-ghassa ta'Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin kellu fil-pusses tieghek droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusses ta'awtorizazzjoni ghall-importazzjonijiet jew ghall-esportazzjonijiet mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmaniffattura, jew li jformi d-droga msemmija u meta ma

kienx b’xi mod iehor u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi u ksur tar-regoli ta’ 1939 dwar il-Kontroll Interna tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta, ghal uzu esklussiv tieghu.

Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’htija jekk ikun il-kaz tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja,

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammisjoni tieghu, il-Qorti issib l-imputat Andre Borg hati ta’ l-ewwel , it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza, mhux hati tar-raba’ akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1) (b) , 337 C (1) (i) tal –Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 22 (2) (ii) (9) inkluz il-Provizo tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’Malta, u il-G.N. 292/1939 kif emendat bil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’Malta, Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta ‘ *Probation* ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-

Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat. In oltre tqieghed lill-imputat taht '*Treatment Order'* ghall-perjodu ta' sentejn (2), sabiex l-imputat ikompli sal-finalita tieghu il fazi tar-*re-entry* tal-programm ta'rijabilitazzjoni kontra id-droga, inkluz l-ahhar fazi ta' l-*after care* taht l-awspici tal-istituzzjonijiet tal-*Caritas*.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tal-ezebit KF3.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-eta' tieghu, il-fedina penali u cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt illi l-imputat fil-mori tal-kawza diga segwa il-parti il-kbira tal-programm ta' rijabilitazzjoni kontra droga, diga hallas il-pendenzi kollha mal-kwerelanti, jibda mpjieg fiss mill-gimgha d-diehla u irrikoncilja mal-kwerelanti.

Il-Qorti torda kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services* li ghandu jirraporta bil-miktub fuq il-progress o meno ta' l-imputat kull sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------